MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2022

Rikors Maħluf Numru 180/2018 LM

**Lawrence Camilleri (K.I. Nru. 110576M) u Joanne Camilleri (K.I. Nru. 10376M) għal kull interess li jista' jkollha**

***vs.***

**Construct Furniture Company Limited (C 11786)**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-26 ta' Frar, 2018 mir-rikorrent **Lawrence Camilleri (K.I. Nru. 110576M)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-esponenti Lawrence Camilleri kien impjegat mas-soċjetà intimata Construct Furniture Company Limited (C 11786) bħala* machine operator *fix-xogħol tal-injam.*
2. *Illi nhar is-sittax (16) t'April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) waqt illi l-istess esponenti kien qed jagħmel xogħol fil-kors tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata*

*l-esponenti weġġa' gravament f'idejh il-leminija meta s-swaba' inqabdulu mill-magna li huwa kien qed jaħdem fuqha.*

3. *Illi l-istess esponenti ġie ammess l-isptar Mater Dei f'żewġ okkażjonijiet fejn sarulu interventi kirurġiċi f'idu l-leminija: fejn għalkemm sar sforz sabiex l-indiċi tal-id il-leminija jkun salvat, dan ġie eventwalment imputat. Inoltre, bħala konsegwenza tal-istess inċident fuq il-post tax-xogħol, l-esponent sofra wkoll minn telfa ta' funzjoni u sensazzjoni f'subgħu tan-nofs tal-istess id.*

4. *Illi l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol da parti tas-soċjetà intimata.*

5. *Illi l-esponenti sofra danni inġenti b'riżultat tal-istess inċident serju, kompriżi danni materjali kif jikkonfermaw l-annessi riċevuti immarkati bħala* ***Dok. A – Dok. M2*** *rispettivament; kif ukoll danni naxxenti minn diżabilità fiżika u mentali permanenti kif ikkonfermat mir-rapport mediku rilaxxjat mill-kirurgu Mr Jason Zammit, mal-preżenti anness u mmarkat bħala* ***Dok. LC1*** *u dawk rilaxxjati mill-konsulent Psikjatriku Dr Anthony Zahra, mal-preżenti annessi u mmarkati bħala* ***Dok. LC2 u Dok. LC3*** *rispettivament.*

6. *Illi l-esponenti interpella lis-soċjetà intimata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni permezz tal-ittra uffiċjali (Nru. 343/2017) datata l-ewwel (1) ta' Frar, elfejn u sbatax (2017) u notifikata lilha nhar is-sebgħa (7) ta' Frar, elfejn u sbatax (2017) iżda din baqgħet inadempjenti.*

7. *Illi l-esponenti b'ebda mod ma kien responsabbli għall-inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol tiegħu, hawn fuq imsemmi.*

***<u>Talbiet</u>***

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u prevja kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huwa xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi, tgħid is-soċjetà intimata għaliex din l-Onor. Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara s-soċjetà Construct Furniture Company Limited (C11786) responsabbli għall-inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol tal-esponenti Lawrence Camilleri nhar is-sittax (16) ta' April, tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u għad-danni kollha illi b'riżultat tal-istess sofra u għadu qed isofri;*

2. *Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata Construct Furniture Company Limited (C11786) tħallas lir-rikorrenti dawk l-ammonti hekk likwidati u dikjarati ħbħala dovuti in linea ta' danni, kif imfisser.*

*Bl-ispejjeż; inklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali Numru 343/2017 kontra s-soċjetà intimata u bl-imgħax skont il-Liġi kontra l-istess soċjetà intimata li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà intimata **Construct Furniture Company Limited (C 11786)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata'], li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Marzu, 2018, u maħlufa minn John Agius (K.I. Nru. 337363M) bħala direttur tas-soċjetà intimata, li biha eċċepiet:

1. *Illi l-inċident de quo seħħ bi ħtija esklussiva tar-rikorrenti Lawrence Camilleri nnifsu u mhuwiex imputabbli għal xi tort jew ħtija tas-soċjetà esponenti li ottemperat ruħha mal-obbligi tagħha naxxenti mil-liġijiet u r-regolamenti dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Konsegwentement ma hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrenti.*
2. *F'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jispetta lir-rikorrenti li jagħmlu l-prova tad-danni skont il-liġi inkluż il-prova li l-allegata diżabilità fiżika u mentali permanenti li qed jilmentaw minnha hija kollha kemm hi riżultat tal-korriment ta' Lawrence Camilleri u mhux ta' xi kundizzjonijiet mediċi jew ta' saħħa anteċedenti l-inċident;*
3. *Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Lulju, 2021, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

3. Il-kawża odjerna hija essenzjalment azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità u għal-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' danni, li ġiet istitwita mir-rikorrent wara li fis-sittax (16) t'April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) huwa kellu inċident fuq il-post tax-xogħol meta kien fl-impjieg mas-soċjetà intimata [minn issa 'il quddiem 'l-inċident']. Kawża tal-inċident ir-rikorrent sofra diversi ġrieħi gravi, fosthom amputazzjoni tal-indiċi f'idu tal-lemin, l-id dominanti, u telf ta' funzjoni u sensazzjoni f'subgħu tan-nofs tal-istess id, u kif ġie ċċertifikat kemm mit-tobba kuranti tiegħu kif ukoll mill-Esperti Mediċi Ġudizzjarji, huwa qiegħed isofri minn diżabilità permanenti ta' natura fiżika kif ukoll ta' natura psikoloġika. Tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti ħatret ukoll Espert Ġudizzjarju Tekniku sabiex jispezzjona l-magna li kien qiegħed iħaddem ir-rikorrent fil-ħin tal-inċident, u sabiex jistabbilixxi jekk kienx hemm xi nuqqasijiet da parti tas-soċjetà intimata, li setgħu wasslu għall-inċident.

**Provi u riżultanzi**

4. Din il-Qorti semgħet diversi xhieda prodotti mill-partijiet, u ħadet konjizzjoni ta' għadd ta' dokumenti, fosthom kopja tal-*case summary* tal-isptar Mater Dei[1]; kopja tar-rapport rilaxxat minn **Mr Jason Zammit** fil-5 ta' Novembru, 2015[2], fejn ġew dettaljati d-diffikultajiet li għadu jsofri minnhom ir-rikorrent konsegwenza tal-inċident u r-restrizzjonijiet li qiegħed jiffaċċja f'ħajtu;

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.
[2] *A fol.* 8 tal-proċess. Minn dan ir-rapport jirriżulta li, *"Mr Camilleri has sustained a very serious injury to his dominant hand as a direct result of this accident. As a result he has suffered a **15%** permanent disability."*

kopja ta' rapport rilaxxat minn **Dr Anthony Zahra** fid-9 ta' Mejju, 2016[3], li spjega d-diffikultajiet psikoloġiċi li kellu jiffaċċja r-rikorrent konsegwenza tal-inċident u tal-limitazzjonijiet li beda jesperjenza f'ħajtu; u rapport ieħor rilaxxat mill-istess Dr Zahra fil-25 ta' Lulju, 2017[4]; għadd ta' irċevuti rigward l-ispejjeż li kellu jinkorri r-rikorrent konsegwenza tal-inċident[5]; kopja tat-*termination form* tal-impjieg li kellu r-rikorrent mas-soċjetà intimata[6]; kif ukoll kopji tal-FS3 forms tar-rikorrent għas-snin 2012, 2013 u 2014.[7]

5. Fl-*affidavit* tiegħu[8] ir-rikorrent spjega li huwa għamel sittax-il sena fl-impjieg mas-soċjetà ntimata, għalkemm kien hemm żmien meta huwa kien telaq mill-impjieg li kellu ma' din il-kumpannija, iżda sussegwentement kien irritorna lura. Qal li huwa kellu biss sittax-il sena meta beda jaħdem ma' din il-kumpannija, fejn kien jagħmel diversi tipi ta' xogħlijiet, fosthom dak ta' mastrudaxxa u ta' *machine operator,* u qal li kemm kien ilu impjegat ma' din il-kumpannija huwa dejjem kellu ċerta *production pressure.* Spjega li bint is-sid tal-kumpannija kull filgħodu kienet tivverifika miegħu jekk kienx ser ilaħħaq

---

[3] *A fol.* 12 tal-proċess. Minn dan ir-rapport jirriżulta li r-rikorrent beda jsofri minn: "*Occupational and social impairment with occasional decrease in work efficiency and intermittent periods of inability to perform occupational tasks (although generally functioning satisfactorily, with routine behaviour, self-care and conversation normal), due to such symptoms as: depressed mood, anxiety, suspiciousness, panic attacks (weekly or less often), chronic sleep impairment, mild memory loss (such as forgetting names, directions, recent events) at 30%. Given that cognitive symptoms are not currently prominent, his general rating formula for his Chronic Adjustment disorder is estimated to be 20%.*"

[4] *A fol.* 14 tal-proċess. Wara sena, Dr Zahra ma ra l-ebda tibdil sinifikanti fl-istat emottiv tar-rikorrent, u ddeskriva s-sitwazzjoni tar-rikorrent bħala, "*He remains frequently dysphoric and irritable, with sudden shifts in his affects which would not be explained by changes in his environment. His sense of personal autonomy has crystallised gradually, however remains very brittle and prone to periods of self doubt. It is clear that the trauma that Mr Camilleri has experienced will be leaving a long lasting effect not only on his functional capabilities but also on his affective and emotional processing state, and he will be needing support for the foreseeable future.*"

[5] *A fol.* 16 sa 25 tal-proċess (irċevuta rilaxxata mit-Tabib Dr Tonio Xuereb €15; xiri ta' mediċina minn Medicaid Pharmacy €47.09; xiri ta' mediċina minn Medicaid Pharmacy €39.50; irċevuta Mr Jason Zammit €50; irċevuta Dr Tonio Xuereb €12; irċevuti minn diversi spiżeriji għax-xiri ta' mediċina €10.06; €4.10; €21.66; €4.10; €33.60 u €4.70; irċevuta Dr Tonio Xuereb €15 u €12; xiri ta' mediċina minn Medicaid Pharmacy €10.80 u €31.00; irċevuta Dr Tonio Xuereb €15 u €1; irċevuta Medicaid Pharmacy €102.46; xiri mediċini €5.00; irċevuta Dr Tonio Xuereb €12 u irċevuta għax-xiri ta' mediċini €5.00; żewġ irċevuti Dr Anthony Zahra ta' €50 kull waħda; xiri ta' mediċini €13.39 u irċevuta oħra maħruġa minn Dr Anthony Zahra €50; ħlas għar-rapport mediku rilaxxat minn Mr Jason Zammit €240). F'*fol.* 213, ir-rikorrent ippreżenta wkoll irċevuta għall-ħlas ta' €5 li saret minnu fl-Isptar Saint James meta hu ġie eżaminat mill-Espert Mediku maħtur mill-Qorti. Total ta' danni materjali huwa ta' €870.46.

[6] *A fol.* 26 tal-proċess.

[7] *A fol.* 27 *et seq* tal-proċess.

[8] *A fol.* 42 tal-proċess.

max-xogħol li kellu, u żied jgħid li fiż-żmien meta huwa weġġa' kienet qiegħda tiġi eżerċitata fuq l-impjegati pressjoni aktar mis-soltu għaliex kien hemm konsenja ta' bibien li riedet tintbagħat l-Ingilterra, u għalhekk riedet titlesta. Qal li xogħlu kien li jaħdem fuq tliet magni, kollha jqattgħu l-injam, u l-magna li kien weġġa' fuqha kienet tintuża għall-produzzjoni tax-xambrelli tal-bibien. Qal ukoll li fil-parti tal-fabbrika fejn kien jaħdem hu, dakinhar tal-inċident kien hemm seba' magni. Qal li jaħdem miegħu fil-ħin tal-inċident kellu lil Matthew Bartolo, li wkoll kellu inċident fl-istess post tax-xogħol u li sfortunatament tilef ħajtu seba' ġimgħat wara l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Ir-rikorrent qal li huwa qatt ma ngħata taħriġ dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u żied jgħid li l-uniku tagħmir tas-sigurtà li kien jintuża mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol kien is-*safety shoes.* Ir-rikorrent spjega li huwa kien ilu jaħdem fuq il-magna li weġġa' fuqha, u spjega li din tħaddem xafra li dejjem tibda ddur mix-xellug. Qal li dakinhar, hekk kif inxtegħlet il-magna, sabiex huwa jibda jagħmel l-istess xogħol li kien ilu imdorri jagħmel, ix-xafra tal-magna bdiet iddur min-naħa tal-lemin, bil-konsegwenza li qabditlu idu l-leminija. Qal li huwa għajjat lil Matthew Bartolo biex ifittex jitfi l-magna, u fil-pront inġabru diversi ħaddiema sabiex jassistuh. Ir-rikorrent spjega li fil-ħin tal-inċident huwa ħass xi ħaġa taħraq ħafna ma' idu l-leminija u ra ħafna demm, u wieħed mis-swaba' imdendel biss mill-ġilda. Ir-rikorrent spjega kif wara l-inċident huwa ttieħed l-isptar b'ambulanza, u qal li ġie operat dakinhar stess wara nofsinhar. Xi ġranet huwa kellu jerġa' jagħmel intervent ieħor sabiex is-saba' l-werrej jiġi amputat, u r-rikorrent qal li għandu saba' ieħor li baqa' ma jiffunzjonax tajjeb wara l-inċident. Ir-rikorrent spjega li fiż-żmien li fih hu kien qiegħed jirkupra minn dan l-inċident, kien sar jaf li fl-istess post tax-xogħol kien tilef ħajtu Matthew Bartolo, li kien l-unika persuna li ra l-inċident tar-rikorrent iseħħ għaliex kien qiegħed jassistih. Ir-rikorrent spjega li huwa beda jiġi kkurat minn Mr Jason Zammit, konsulent

ortopediku, li kkonkluda li konsegwenza ta' dan l-inċident huwa qiegħed ibati minn diżabilità fiżika permanenti ta' 15%. Qal li huwa qiegħed jingħata kura psikjatrika minn Dr Anthony Zahra, li kkonkluda li konsegwenza tal-inċident, ir-rikorrent qiegħed isofri minn diżabilità psikjatrika permanenti ta' 20%. Ir-rikorrent spjega li konsegwenza tal-inċident inbidlitlu ħajtu, partikolarment għaliex lanqas il-passatempi li kien jagħmel m'għadu jista' jagħmel, għandu limitazzjonijiet fl-affarijiet ta' kuljum, u minn persuna tas-sengħa li kien iħossu kapaċi li jagħmel kollox, spiċċa jaħdem f'xogħol li huwa qal li jista' jagħmlu kulħadd, b'salarju ferm inferjuri għal dak li kellu qabel.

6. Waqt l-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2018, xehdet **Doris Vella Cassia**, in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei, li ppreżentat kopja tal-*file* mediku tar-rikorrent.[9]

7. Mart ir-rikorrent, **Joanne Camilleri**, fl-*affidavit* tagħha[10] qalet li l-inċident li kellu żewġha fuq il-post tax-xogħol affettwa l-ħajja tal-familja tiegħu drastikament, u ħalla impatt negattiv fuq il-ħajja tal-familja kollha, partikolarment fuq il-ħajja ta' żewġha. Ix-xhud qalet li r-raġel tagħha kien bniedem tas-sengħa, li issa qiegħed jaħdem bħala *delivery-man* minħabba fil-limitazzjonijiet li għandu f'saħħtu. Qalet li wara l-inċident il-karattru tar-raġel tagħha nbidel ħafna, u sar nervuż u aggressiv. Qalet ukoll li r-rikorrent ma baqax raġel indipendenti kif kien qabel l-inċident, u għandu bżonn l-għajnuna fl-affarijiet bażiċi ta' kuljum. Qalet li anki d-delizzji li kellu r-rikorrent qabel, m'għadhomx jinteressawh minħabba fil-limitazzjonijiet li qiegħed jesperjenza f'saħħtu.

[9] *A fol.* 69 tal-proċess.
[10] *A fol.* 141 tal-proċess.

8. **Dr Anthony Zahra** xehed waqt l-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2018[11], fejn spjega li huwa l-psikjatra kuranti tar-rikorrent. Qal li wara l-inċident huwa beda jsegwi lir-rikorrent u anki rrakkomandalu xi mediċina.

9. Permezz ta' nota ppreżentata fit-3 ta' Diċembru, 2018, ir-rikorrent ippreżenta vera kopja tal-Ittra Uffiċjali ppreżentata minnu fl-1 ta' Frar, 2017[12], u kopja ta' tnax-il *payslip* għall-perijodu ta' żmien meta huwa kien jaħdem fil-fabbrika tas-soċjetà konvenuta.[13]

10. Permezz ta' nota oħra ppreżentata fl-4 ta' Frar, 2019, ir-rikorrent ippreżenta dikjarazzjoni dwar il-qligħ tiegħu għas-snin wara l-inċident, jiġifieri għall-2016, l-2017 u l-2018.[14]

11. **John Agius**, direttur maniġerjali tas-soċjetà intimata, xehed fid-9 ta' Frar, 2019[15], fejn spjega li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien fil-fabbrika, għalkemm ma kienx viċin tar-rikorrent. Ix-xhud qal li l-magna li weġġa' biha r-rikorrent tintuża għall-qtugħ tal-injam, u għall-manifattura tal-koxox tal-bibien, u qal li r-rikorrent kien jaf juża din il-magna minkejja li ma kinitx ilha għand is-soċjetà intimata għal ħafna żmien. Ix-xhud spjega li l-magna hija kontrollata minn *control numeral controller (CNC),* tip ta' kompjuter, u kienet tinxtegħel permezz ta' buttuna li tikkontrolla liema parti tal-magna tibda taħdem l-ewwel, jekk hux in-naħa tax-xellug jew tal-lemin. Qal ukoll li l-magna ma kellhiex problemi ta' *wear and tear,* u din għadha tintuża fuq bażi regolari mis-soċjetà intimata.

---

[11] *A fol.* 143 tal-proċess.
[12] *A fol.* 149 tal-proċess.
[13] *A fol.* 150 *et seq.* tal-proċess.
[14] *A fol.* 160 *et seq.* tal-proċess.
[15] *A fol.* 163 tal-proċess.

12. Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **James Cefai**[16], li qal li huwa jieħu ħsieb it-taqsima tas-CNCs (*control numeral controllers*) fil-fabbrika tas-soċjetà intimata. Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident in kwistjoni huwa kien preżenti fil-fabbrika, iżda mhux viċin tar-rikorrent. Ix-xhud qal li l-magna tibda taħdem mix-xellug jew mil-lemin skont liema buttuna tingħafas, u qal li din hija l-eħfef magna li wieħed jista' jħaddem fil-fabbrika tas-soċjetà intimata għaliex hija kkontrollata minn programm tal-kompjuter. Ix-xhud allega li wara l-inċident huwa sema' lir-rikorrent jgħid li dak li seħħ kien tort tiegħu. Ix-xhud qal li huwa ma jistax jifhem kif seħħ dan l-inċident għaliex il-magna fiha erba' *emergency stops* u biex wieħed ikollu inċident fejn tinqabad parti minn idu fiha, l-individwu jrid kważi jitmattar għal fuq il-magna.

13. Ir-rikorrent xehed *viva voce* waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2019[17], fejn spjega li huwa kien ilu sittax-il sena jaħdem mas-soċjetà intimata u kien jagħmel ix-xogħol kollu li kien jiġi assenjat lilu. Qal ukoll li huwa kien ilu jaħdem bil-magna li eventwalment weġġa' biha bejn erba' u sitt xhur, għaliex din il-magna kienet għadha ġdida. Ir-rikorrent ikkonferma li l-magna tista' tiġi regolata u kkontrollata minn min ikun qiegħed jużaha, u tibda taħdem min-naħa li jirregola min ikun qiegħed iħaddimha. Ir-rikorrent qal li minkejja li huwa għafas il-buttuna tax-xellug, il-magna bdiet iddur min-naħa tal-lemin u lilu ma tatux ċans jersaq lura.

14. Il-kontro-eżami tar-rikorrent sar waqt l-udjenza tal-1 ta' April, 2019[18], fejn qal li meta kien fl-impjieg mas-soċjetà intimata huwa kellu paga ta' mitejn u ħamsin Euro fil-ġimgħa, imma fil-preżent qiegħed jaqla' ferm anqas minn

[16] *A fol.* 168 tal-proċess.
[17] *A fol.* 172 tal-proċess.
[18] *A fol.* 188 tal-proċess.

hekk. Ir-rikorrent qal ukoll li fil-preżent huwa jinsab impjegat f'ħanut tat-*take-away.*

15. Fl-istess udjenza xehdet **Amanda Cefai**[19], li qalet li s-soċjetà intimata hija kumpannija tal-ġenituri tagħha, u qalet ukoll li hija tieħu ħsieb il-loġistika tal-kumpannija, kif ukoll tieħu ħsieb tipprogramma ċerti magni. Spjegat li l-magna li weġġa' biha r-rikorrent tinxtegħel filgħodu, jitpoġġa l-injam fiha, u wieħed jagħfas il-buttuna skont liema naħa jkun jixtieq li jibda jaħdem biha. Ix-xhud qalet li dakinhar li seħħ l-inċident hija kienet marret it-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar wara li telqet l-ambulanza bir-rikorrent, u allegat li waqt li r-rikorrent kien għadu fit-Taqsima tal-Emerġenza, dan dar fuq il-mara tiegħu u qalilha li r-responsabbilità għal dak li ġara kienet tiegħu.

16. Xehdet ukoll **Brigitte Agius**[20], azzjonista tas-soċjetà intimata, li qalet li taħdem fl-amministrazzjoni tal-kumpannija. Ix-xhud ikkonfermat li wara li seħħ l-inċident, hija kienet marret l-Isptar flimkien ma' bintha. Għad-domandi li sarulha in kontro-eżami, ix-xhud qalet li hija bdiet tinsisti li tissejjaħ ambulanza, u mhux minnu li r-raġel tagħha insista li jwassal lir-rikorrent l-Isptar.

17. L-Espert Mediku Ġudizzjarju **Mr Fredrick Zammit Maempel**, li ġie maħtur mill-Qorti sabiex jeżamina lir-rikorrent u jikkonstata jekk dan sofriex xi debilità permanenti konsegwenza tal-inċident, fir-rapport tiegħu[21] spjega l-interventi mediċi u kirurġiċi kollha li saru fuq ir-rikorrent konsegwenza tal-inċident. Ir-rikorrent qallu li qabel l-inċident tal-2015 kellu żewġ inċidenti separati, meta fl-1995 kien tilef it-truf ta' żewġt iswaba' tal-lemin, imma dakinhar is-saba' l-

[19] *A fol.* 191 tal-proċess.
[20] *A fol.* 195 tal-proċess.
[21] *A fol.* 210 tal-proċess.

werrej ma kienx intmess, u fl-2005 kellu inċident ieħor fuq il-post tax-xogħol meta sfronda karru bil-bibien. Qallu li qabel l-inċident tal-2015 ma kienx sofra minn mard serju, inkluż tal-moħħ. Ir-rikorrent informa lil Mr Zammit Maempel li konsegwenza tal-inċident in kwistjoni, is-saba' tan-nofs baqa' sensittiv bosta u kultant iħossu mtarrax, tant hu hekk li xi drabi jaqgħulu l-affarijiet minn idu minħabba nuqqas ta' sensazzjoni. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, Mr Zammit Maempel qal li huwa kien  eżamina lir-rikorrent 49 xahar wara li seħħ l-inċident, u qal li dan ġarrab ħsara fis-saba' l-werrej tal-lemin meta trapan wiesgħa qata' dan is-saba' mill-bażi tiegħu. Qal ukoll li minkejja l-intervent kirurġiku li sar sabiex dan is-saba' jiġi salvat, madwar xahar wara dan is-saba' kellu jiġi amputat għaliex ma kienx vijabbli. Qal li konsegwenza ta' dan kollu, l-id dominanti ġiet affettwata b'mod negattiv u r-rikorrent ġarrab diżabilità permanenti fil-grad ta' 10%. Qal ukoll li dan il-grad ta' diżabilità ma jinkludix il-ħsara psikoloġika li qiegħed isofri minnha r-rikorrent.

18. Il-kontro-eżami ta' **Amanda Cefai** sar waqt l-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2019[22], u din spjegat li dakinhar tal-inċident hija kienet issettjat flimkien mar-rikorrent il-magna li weġġa' biha r-rikorrent. Qalet li l-magna tieħu l-qisien abbażi tas-*settings* li jiġu stabbiliti, u żiedet tgħid li l-programm tal-magna ma jiżbaljax. Ix-xhud qalet ukoll li l-programm in kwistjoni ma jistax jikkawża inċident li fih bniedem iweġġa', iżda jista' jikkawża biss tibdil fil-qies. Qalet ukoll li l-magna ssegwi programm, iżda tobdi lil min ikun qiegħed iħaddimha, fis-sens li min ikun qiegħed iħaddem il-magna jrid jixgħelha hu u jikkontrollha hu minn liema naħa din għandha tibda tqatta' l-injam. Qalet ukoll li l-mod kif taħdem din il-magna, il-ħaddiem m'għandux għalfejn idaħħal jew iċaqlaq l-injam b'idejh. Ix-

[22] *A fol.* 217 tal-proċess.

xhud spjegat li l-magna in kwistjoni għandha wkoll *sensors* li xi drabi kienu jwaqqfu l-magna milli tkompli taħdem anki meta tibda ttir iċ-ċana waqt li jkun qiegħed jinħadem ix-xogħol, u żiedet tgħid li l-mod kif jiffunzjonaw dawn is-*sensors* seta' jiġi regolat minn min ikun qiegħed iħaddem il-magna, fis-sens li dawn setgħu jiġu inattivati jew issorvolati mill-operatur. Ix-xhud qalet ukoll li minkejja li l-kumpannija kellha ċerti miri tal-produzzjoni li riedu jintlaħqu, ir-rikorrent ma kellux problema bil-*production* tiegħu.

19. Waqt l-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2019, sar il-kontro-eżami ta' **John Agius**[23], li qal li kull ħaddiem li kien ikun ser iħaddem din il-magna kien jingħata taħriġ fuqha. Qal ukoll li huwa kien ingħata taħriġ fl-użu ta' din il-magna mingħand min biegħlu l-magna, u kompla jgħid li huwa kellu esperjenza ta' aktar minn tletin sena fl-użu ta' dawn it-tip ta' magni. Ix-xhud qal ukoll li kien fl-interess tiegħu li jara li l-ħaddiem jingħata taħriġ qabel jibda juża l-magna, għaliex altrimenti ikun hemm riskju li tiġi kkawżata ħsara lil dawn l-istess magni. Ix-xhud qal li l-magna in kwistjoni tintuża għat-tqattigħ tal-injam, u għalhekk din mhix maħsuba li tieqaf tiffunzjona għax tħoss id ta' persuna, għaliex l-id m'għandhiex tkun hemm. Huwa għalhekk li l-magna għandha s-*sensors,* spjega x-xhud, għalkemm anki dawn jistgħu jiġu sorvolati. Ix-xhud qal ukoll li min iħaddem il-magna jista' jikkontrolla jekk din tibdiex taħdem min-naħa tax-xellug jew min-naħa tal-lemin. Ix-xhud qal li wara li seħħ l-inċident, huwa għamel modifika fuq is-*sensors* tal-magna u sakkarhom, għaliex kien ġieh id-dubju li dawn setgħu ġew manipulati.

[23] *A fol.* 229 tal-proċess.

20. Fit-28 ta' Ottubru, 2019, sar il-kontro-eżami ta' **James Cefai**[24], li qal li huwa ma kienx preżenti meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Spjega li l-magna in kwistjoni għandha żewġ *studs,* waħda fuq in-naħa tal-lemin u l-oħra fuq in-naħa tax-xellug, skont liema parti l-operatur tal-magna jkun irid iħaddem, u ma' dawn il-buttuni hemm *stop* u buttuna tal-emerġenza. Qal ukoll li l-magna għandha s-*sensors* biex tieqaf u għalhekk huwa ma jistax jispjega x'kien li mar ħażin dakinhar li seħħ l-inċident li kien involut fih ir-rikorrent. Ix-xhud żied jgħid li l-magna tixgħel permezz ta' *switch,* u biex taħdem hija kkonnettjata ma' sistema tal-kompjuter.

21. Waqt l-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2019, il-Qorti ħatret lill-**Inġinier John Scerri** bħala espert tekniku sabiex ifittex u jirrelata dwar il-mod kif tiġi ssettjata l-magna mertu ta' dawn il-proċeduri, dwar kif din tiffunzjona, x'*safety features* għandha u x'*faults* jistgħu jiżviluppaw fit-tħaddim tagħha, kif ukoll sabiex jagħmel l-osservazzjonijiet tekniċi kollha marbuta mal-każ. L-Espert Tekniku Ġudizzjarju ppreżenta r-rapport tiegħu fis-7 ta' Lulju, 2020[25], fejn spjega li huwa mar fil-fabbrika tas-soċjetà intimata erba' darbiet b'kollox għall-finijiet tar-rapport tiegħu. Qal li huwa eżamina l-mod kif tiġi ssettjata din il-magna, għaliex għandha diversi programmi li jiġu ssettjati skont ix-xogħol speċifiku li jkun irid isir fuq l-injam. Qal ukoll li huwa l-programm tal-kompjuter li jagħti s-sinjali u l-*co-ordinates* li għandha tuża l-magna għax-xogħol partikolari li jkun ser isir. L-Inġinier John Scerri spjega li x-xogħol tal-operatur tal-magna huwa li jagħżel il-programm skont il-*job card,* ipoġġi l-injama fuq il-magna u jikklampja l-injama fil-post permezz ta' *foot pedal* li qiegħda mal-art. Qal li l-magna għandha *emergency stop* u meta l-magna tkun qatgħet l-injama skont il-

[24] *A fol.* 240 tal-proċess.
[25] *A fol.* 262 tal-proċess.

programm li tingħata, din tieqaf waħedha. L-Inġinier Scerri elenka s-*safety features* li fiha din il-magna, u qal li din għandha *foot pedal* li tikklampja l-injama fil-post, *motion sensors* li jimxu min-naħa għal oħra għat-tul tal-magna kollha, u li jaħdmu b'tali mod li jekk xi ħadd jew xi ħaġa tgħaddi minn quddiem dawn is-*sensors,* il-magna tieqaf waħedha. L-Ing. John Scerri stabbilixxa li hemm ukoll *emergency stop button,* waħda fuq il-lemin u l-oħra fuq ix-xellug, fl-istess postijiet fejn hemm il-buttuni *start* u *stop,* u f'każ ta' emerġenza wieħed jista' jagħfas dawn il-buttuni u l-magna tieqaf minnufih. L-Espert Tekniku Ġudizzjarju qal li huwa kkonstata li din il-magna ma tistax tiżbalja fil-programm li tuża, u li l-magna lanqas ma setgħet tħarbat il-programm f'każ ta' interruzzjoni fil-provvista tad-dawl. Qal ukoll li l-probabbilità ta' *fault* fl-*emergency stop* installata fil-magna huwa żgħir ħafna, u f'dan il-każ difett fil-mod kif taħdem din il-funzjoni tas-sigurtà, żgur li ma kienx il-kawża prossima tal-inċident. Qal li lanqas ma kien il-każ li l-*motion sensors* ma ħadmux. L-Espert Tekniku Ġudizzjarju iżda qal li waqt li kien qiegħed jittestja s-*sensors,* huwa seta' jistabblixxi li l-pożizzjoni tagħhom kienet tali li wieħed seta' jtawwal idejh għal fuq l-injama mingħajr ma jgħaddi minn quddiem il-linja virtwali taż-żewġ *sensors,* f'liema każ il-magna ma tiqafx mix-xogħol li tkun qiegħda tagħmel. L-Inġinier Scerri qal li huwa stabbilixxa li s-soċjetà intimata ma kellhiex *records* tax-xogħol ta' manutenzjoni li sar fuq il-magna in kwistjoni. Qal li kien hemm *equipment inspection report* li minnu huwa seta' jikkonstata li l-magna kienet qiegħda taħdem mingħajr problemi. Ing. John Scerri talab ukoll għall-*equipment release to production report,* u qal li f'dan ir-rapport ma sabx dettalji tal-kontrolli li saru fuq is-*safety features* tal-magna. Qal li wara li seħħ l-inċident, ġiet installata *angle support arm,* biex il-ħadida li żżomm il-buttuni tal-*istart, stop* u *emergency,* ma tkunx tista' tiċċaqlaq aktar. L-Inġinier Scerri qal li huwa kkonstata li kienu saru żewġ eżerċizzji ta' *risk analysis* fuq il-magna in kwistjoni,

wieħed fit-23 ta' Novembru, 2011, qabel ġiet installata l-magna, u ieħor fit-28 ta' Novembru, 2016, jiġifieri wara li seħħ l-inċident in kwistjoni. Qal li l-livell ta' riskju assoċjat ma' din il-magna ġie deskritt bħala wieħed 'medju', u fiż-żewġ rapporti huwa sab dan il-kumment: "*Supervisor and employees to ensure that all guards are fitted in place and are set correctly by operators. The machinery needs to be checked by a competent person (engineer) to ensure the correct guarding, safety devices, interlocks, extraction equipment, and electrical systems including emergency stops are in place.*" L-Inġinier Scerri qal li meta huwa staqsa għal xi tip ta' dokument li jispjega kif wieħed għandu jixgħel il-magna u x'kontrolli wieħed għandu juża, huwa ngħata dokument b'lista ta' responsabbilitajiet tal-impjegati. Dan id-dokument jistabbilixxi li hija r-responsabbilità tal-impjegat li jkun ser jopera l-magna li jiċċekkja li kollox ikun kif suppost, u li jara li l-funzjonijiet tas-sigurtà tal-magna huma f'kundizzjoni tajba u funzjonabbli. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, l-Inġinier Scerri spjega li mill-istħarriġ li għamel sab li l-magna ma setgħetx tibda taħdem għall-għarrieda mix-xellug jew mil-lemin jew bil-kontra tal-buttuni li wieħed jagħfas. Qal ukoll li huwa kkonferma li jekk il-*motion sensors* ma jkunux allinjati sew, il-magna ma tkunx tista' tibda taħdem. Żied jgħid li huwa seta' jara wkoll li l-pożizzjoni tal-*motion sensors* hija wisq viċin il-post fejn jinqata' l-injam, u għalhekk hemm riskju għoli li *machine operator* jista' jdaħħal idejh b'nuqqas ta' attenzjoni lejn l-injama mingħajr ma jaqsam il-linja virtwali tal-*motion sensors.* Qal li dan ir-riskju ma ġiex evalwat biżżejjed fir-*risk analysis* li sar mit-tim tekniku tas-soċjetà intimata, u minflok din poġġiet ir-responsabbilità għas-*safety checks* totalment fuq min ikun ser jopera l-magni. Qal li t-tim tekniku li għamel dan ir-*risk analysis* kellu l-obbligu li jara li s-sistema kollha taħdem b'mod li jkun *full-proof* u b'hekk jiġi eliminat kull riskju ta' periklu għall-ħaddiema. L-Espert

Tekniku Ġudizzjarju kkonkluda r-rapport tiegħu billi qal li r-responsabbilità għal dan l-inċident għandhom jerfgħuha ż-żewġ partijiet.

22. Ir-rikorrenti għamlu diversi domandi in eskussjoni tal-Espert Tekniku Ġudizzjarju[26], li rrisponda bil-miktub. Fir-risposti tiegħu[27] Ing. John Scerri wieġeb li John Agius u Amanda Cefai ma ppreżentaw l-ebda kwalifika dwar it-tħaddim tal-magna in kwistjoni, u qal li fil-fehma tiegħu hemm żewġ livelli ta' kwalifiki li huma neċessarji, jiġifieri l-kwalifika ta' min qiegħed jgħallem lill-*machine operator,* u l-kwalifika ta' min qiegħed iħaddem il-magna. Qal ukoll li huwa ma jistax jgħid li dawn in-nies mhumiex 'tekniċi', għaliex dawn urewh provi li huma spiss jirrikorru għall-pariri mingħand nies kwalifikati bħala inġiniera. L-Ing. John Scerri qal ukoll li fil-fehma tiegħu kull persuna li tintalab tħaddem dawn il-magni għandha tingħata mhux biss taħriġ, iżda wkoll dokument li juri li l-persuna għandha t-taħriġ meħtieġ fuq il-magna li tħaddem. Qal ukoll li esponenti tas-soċjetà intimata lilu infurmawh li ma kellhomx *records* tat-taħriġ li ngħata lill-ħaddiema fiż-żmien li fih seħħ l-inċident in kwistjoni. Għad-domanda dwar jekk is-*sensors* fil-magna jservux l-iskop li tpoġġew għalih, l-Ing. John Scerri wieġeb li l-pożizzjoni tal-*motion sensors* għal dak li jirrigwarda l-għoli u d-distanza bogħod mix-xafra tal-magna mhumiex effettivi għal persuna ta' statura kbira jew twila, u qal li din hija r-raġuni prinċipali għalfejn jista' jseħħ inċident bħal dan. L-Inġinier Scerri spjega li r-*risk analysis* da parti tal-kumpannija għandha jssir kull darba li tiġri xi ħaġa li tibdel l-*istatus quo* fuq il-post tax-xogħol, bħal per eżempju meta tiddaħħal magna ġdida, jew meta jsiru xi modifiki fuq il-magni, jew wara li jseħħ inċident. Qal li f'dan il-każ ma sar l-ebda *risk analysis* wara s-27 ta' Settembru, 2014 meta ġiet installata din il-

[26] *A fol.* 301 tal-proċess.
[27] *A fol.* 304 tal-proċess.

magna l-ġdida, u lanqas wara li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. L-Espert Tekniku Ġudizzjarju qal li dan huwa nuqqas serju da parti tal-kumpannija, u qal fil-fehma tiegħu s-soċjetà intimata għandha tinżamm responsabbli għal 85% tal-inċident għaliex din ma ħaditx il-prekawzjonijiet neċessarji, u ma kkonfermatx li l-proċeduri li kellha kienu effettivi sabiex jevitaw inċidenti simili. Qal ukoll li r-rikorrent għandu jinżamm responsabbli għal 15% ta' dak li seħħ għaliex dan kellu obbligu javża lill-*management* li ma kienx ingħata t-taħriġ neċessarju biex jaħdem fuq il-magna, u jekk il-*management* naqas milli jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji, huwa kien fid-dmir li jinforma lill-awtoritajiet b'dan in-nuqqas.

23. Anki s-soċjetà intimata ppreżentat nota b'għadd ta' domandi għall-eskussjoni tal-Espert Tekniku Ġudizzjarju.[28] Għal darb'oħra l-Inġinier John Scerri wieġeb permezz ta' nota bil-miktub[29], fejn qal li fil-fehma tiegħu, il-fatt li s-soċjetà intimata ma żammitx *records* tal-manutenzjoni tal-magni huwa nuqqas serju min-naħa tagħha, u li kieku tali *records* inżammu, dawn setgħu jitfgħu dawl fuq il-mod kif seħħ l-inċident. L-Espert Tekniku Ġudizzjarju kkonferma wkoll li l-magna hija *CE marked,* iżda qal li s-CE *marking* waħedha mhijiex garanzija tas-sigurtà tal-magna, jekk din ma tkunx akkumpanjata minn proċeduri skont id-Direttivi speċifiċi tal-Unjoni Ewropea, u elenka għadd ta' direttivi li apparat bħal dan għandu jikkonforma magħhom għas-sigurtà aħjar tal-operatur. L-Inġinier Scerri kkonferma wkoll li f'każ li l-*motion sensors* ikunu mressqin u mhux allinejati kif suppost, il-magna ma tkunx tista' taħdem. Qal ukoll li huwa kien ivverifika li kien hemm istanzi fejn ir-rikorrent ġie mwissi għaliex kien qiegħed juża t-*telephone* ċellulari fil-fabbrika, jew kien qiegħed

[28] *A fol.* 310 tal-proċess.
[29] *A fol.* 316 tal-proċess.

ipejjep fuq ġewwa. L-Ing. John Scerri qal li waqt li ħaddiem ikun qiegħed jagħmel użu minn magna, dan għandu jkun liebes il-*personal protection equipment,* u f'każ li l-ħaddiem jonqos milli jagħmel dan, għandhom jittieħdu passi dixxiplinarji kontra tiegħu. Qal li kemm fis-7 ta' Frar, 2020 kif ukoll fl-24 ta' Ġunju, 2020, waqt iż-żjara tiegħu fil-fabbrika tas-soċjetà intimata, huwa ġibed l-attenzjoni ta' esponenti tas-soċjetà intimata li t-tekniċi li għamlu intervent fuq il-magna quddiemu ma kinux lebsin PPE għal għajnejhom, u kien biss fis-6 ta' Lulju, 2020 li huwa sab lil kulħadd liebes il-PPE. Qal ukoll li huwa ma sab l-ebda evidenza ta' passi dixxiplinarji li ttieħdu fuq persuni li ma kinux lebsin il-PPE. L-Ing. John Scerri spjega li huwa kien ikkonstata li l-pożizzjoni tal-*motion sensors* kienet għadha kif kienet ħarġet mill-fabbrika, u għalhekk dawn ma ġewx modifikati mis-soċjetà intimata. Huwa ġibed l-attenzjoni għal dak li jipprovdi l-paragrafu 1.1.2ċ tad-Direttiva 2006/42/KE, li jgħid li *"Il-makkinarju għandu jkun iddisinjat u mibni b'mod li jevita l-użu mhux normali jekk dan l-użu jista' jqajjem riskju."* L-Espert Tekniku Ġudizzjarju qal li minkejja li sabiex wieħed idaħħal idejh mingħajr ma jaqsam il-linja virtwali tal-magna, wieħed irid ikun f'pożizzjoni fiżika skomda u mhux naturali, fis-sens li wieħed irid itawwal idejh lejn il-magna u x-xafra, f'dan il-każ huwa wera lil dawk kollha preżenti waqt is-simulazzjoni tal-inċident li dan seta' jiġri, kif fil-fatt ġara. L-Ing. John Scerri żied jgħid li lilu kien irriżultalu li r-rikorrent kien imħarreġ tajjeb fl-użu ta' din il-magna. Qal ukoll li x-xafra tal-magna tgħaġġel mhux ħażin biex timxi minn naħa għal oħra, u għalhekk din setgħet ħatfet subgħajn ir-rikorrent qabel dan induna biha jew ra li kienet miexja.

24. L-Espert Mediku Ġudizzjarju **Dr Etienne Muscat**[30], maħtur mill-Qorti sabiex jirrelata dwar l-istat psikoloġiku tar-rikorrent wara l-inċident, fir-rapport

[30] *A fol.* 326 tal-proċess.

tiegħu spjega li wara li kkonstata x'kien li wassal lir-rikorrent biex ikun eżaminat minnu, dan qallu li hemm sensiela ta' affarijiet li huwa jagħmel fil-ħajja tiegħu ta' kuljum li qegħdin joffrulu sfida minħabba fl-inċident in kwistjoni. Ir-rikorrent spjegalu li d-diżabilità li sofra f'idu qiegħda twasslu biex mhux biss ikun limitat fl-affarijiet li jista' jagħmel fil-ħajja tiegħu ta' kuljum, iżda anki biex tilef l-interess fil-passatempi tiegħu. Ir-rikorrent spjega li dawn l-isfidi ta' kuljum qegħdin jikkawżawlu sens ta' ribelljoni, u li kull darba li huwa jkollu diffikultà jagħmel xi ħaġa, meta jkun fil-pubbliku jsir vjolenti jew nervuż. Qal li wara l-inċident ta' spiss iħossu umiljat, imweġġa' u frustrat, u huwa jiftakar fl-inċident li kellu kull darba li jara affarijiet li jfakkruh kif kienet il-ħajja qabel l-inċident. Dr. Muscat qal li r-rikorrent spjegalu li anki l-għelieqi ta' madwar l-isptar ifakkruh fil-passatempi li kellu qabel l-inċident, u fil-mod kif inbidlet ħajtu. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, Dr. Etienne Muscat spjega li r-rikorrent jissodisfa r-rekwiżiti sabiex jiġi meqjus li qiegħed isofri minn *post traumatic stress disorder,* u li dan qiegħed isofri minn *Traumatic neurosis with full-blown phobia syndrome,* li ġġorr magħha grad ta' debilità permanenti ta' 20%.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

25. Din il-Qorti evalwat il-provi kollha prodotti, u dak li ntqal mix-xhieda, kif ukoll ir-rapporti li ħejjew l-esperti ġudizzjarji. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Espert Tekniku Ġudizzjarju l-Inġinier John Scerri, għamel xejn anqas minn erba' żjarat fil-fabbrika tas-soċjetà intimata, ikkonstata kif isir ix-xogħol, għamel għadd ta' simulazzjonijiet sabiex jifhem kif seħħet id-dinamika tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll ħejja rapport dettaljat b'diversi rakkomandazzjonijiet li fil-fehma tiegħu s-soċjetà intimata għandha tadotta sabiex tilqa' għan-nuqqasijiet ikkonstatati. Dan kollu wassal lill-Qorti biex

tagħmel tagħha l-konklużjonijiet milħuqa mill-Ing. John Scerri dwar x'ikkawża l-inċident in kwistjoni. L-Inġinier Scerri kien konvinċenti wkoll u dettaljat fl-ispjegazzjonijiet li ta għad-domandi li sarulu waqt l-eskussjoni.

26. Il-Qorti tqis li r-rikorrent weġġa' fil-kors tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata, wara li kien ilu impjegat ma' din il-kumpannija għal diversi snin, u għalhekk kellu ċerta esperjenza tal-prattiki tax-xogħol u ta' dak li kien mistenni minnu, partikolarment f'dik li hija produzzjoni. L-inċident li wassal biex ir-rikorrent tilef is-saba' l-werrej fl-id id-dominanti tiegħu, u li eventwalment għalhekk spiċċa wasslu wkoll biex tilef l-impjieg li kellu, seħħ meta r-rikorrent kien qiegħed jagħmel xogħol ta' qtugħ tal-injam b'magna partikolari. Fir-rapport tal-Espert Tekniku Ġudizzjarju John Scerri ġie kkonstatat li l-inċident seħħ għaliex kien hemm parti mis-*safety features* tal-magna li ma kinux qegħdin jaħdmu kif suppost. Esponenti tas-soċjetà intimata, waqt id-depożizzjoni tagħhom, qalu li ma setgħux jifhmu kif seħħ l-inċident, partikolarment għaliex din il-magna għandha diversi *safety features.* Imma kif wera l-Espert Tekniku Ġudizzjarju John Scerri, li għamel diversi simulazzjonijiet b'din l-istess magna sabiex seta' jasal għall-konklużjonijiet tiegħu, is-*safety features* tal-magna setgħu jiġu sorvolati faċilment minn min ikun qiegħed iħaddem il-magna.

27. L-Inġinier John Scerri elenka diversi nuqqasijiet gravi min-naħa tas-soċjetà intimata għal dik li hija s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, u stabbilixxa li l-*motion sensor* ma kienx effettiv biex iwaqqaf il-magna milli tkompli għaddejja. Fil-fehma tal-Inġinier John Scerri, kien hemm riskju li ma ġiex stmat biżżejjed mis-soċjetà intimata, u kien hemm *safety checks* li kellhom jiġu attwati mis-soċjetà intimata, iżda li ma sarux jew ma sarux kif suppost. Il-*managing director* tas-soċjetà intimata xehed li wara l-inċident, il-

kumpannija kienet għamlet modifika fil-magna sabiex min ikun qiegħed iħaddimha ma jkunx jista' jissorpassa s-*safety features* li fiha. L-Ing. John Scerri fir-rapport tiegħu ssenjala nuqqasijiet oħra tas-soċjetà intimata, fosthom il-fatt li r-rikorrent ma ngħata l-ebda taħriġ formali dwar kif għandu juża l-magna, għajr għal taħriġ li ngħata mid-diretturi tal-kumpannija, u dan meta huma stess ma kellhom l-ebda ċertifikazzjoni f'dan ir-rigward, imma fix-xhieda tagħhom qalu li huma ntwerew kif għandhom jużaw il-magna mingħand min xtrawha. L-Inġinier Scerri kkonstata wkoll li ma kien hemm l-ebda dokument li juri li tali taħriġ ingħata, u l-ħaddiema ma kinux lebsin PPE adegwat fuq il-lant tax-xogħol, almenu fl-ewwel żewġ okkażjonijiet meta huwa żar il-fabbrika tas-soċjetà intimata, u s-soċjetà intimata ma kinitx tieħu passi dixxiplinarji fil-konfront ta' ħaddiema li jonqsu milli josservaw ir-regoli tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dan jikkorrobora dak li qal ir-rikorrent fix-xhieda tiegħu, li għajr għal *safety shoes,* il-ħaddiema ma kienux jintalbu jilbsu l-ebda ilbies protettiv ieħor. L-Inġinier John Scerri kkonstata wkoll li wara l-inċident in kwistjoni, il-kumpannija ma għamlet l-ebda *risk analysis,* u ma kien hemm l-ebda *equipment inspection report* disponibbli li seta' faċilment jingħatalu. L-Inġinier Scerri kkonkluda li dan l-inċident fuq il-post tax-xogħol kien possibbli li jseħħ għax ma kinitx qed tiġi adoperata *a safe system of work*, u l-kawża prossima tal-inċident kienet li l-pożizzjoni tal-*motion sensors* tal-magna li kien qiegħed jaħdem fuqha r-rikorrent, li għal dak li jirrigwarda l-għoli u d-distanza bogħod mix-xafra tal-magna, mhumiex effettivi għal persuna ta' statura kbira jew twila.

28. L-Espert Tekniku Ġudizzjaru l-Inġinier Scerri qal li r-responsabbilità għall-inċident għandha tiġi apporzjonata fil-grad ta' 85% għas-soċjetà intimata u 15% għar-rikorrent, għaliex ir-rikorrent kellu r-responsabbilità li jinforma lid-diriġenti tas-soċjetà intimata li t-taħriġ li ngħata ma kienx adegwat, u li l-magna

li kien qiegħed iħaddem ma kinitx tipprovdilu l-aħjar sistema ta' sigurtà għalih. Il-Qorti hija tal-istess fehma, anki jekk l-Espert Tekniku Ġudizzjarju biddel il-pożizzjoni tiegħu dwar kif għandha tiġi apporzjonata r-responsabbilità għall-inċident, mir-rapport oriġinali tiegħu, għar-risposti li ta għad-domandi li sarulu in eskussjoni. Ċertament li l-grad ta' responsabbilità tal-impjegat li naqas milli jinforma lid-diriġenti tal-kumpannija li ma kienx komdu jaħdem b'magna partikolari, ma jistax jingħata l-istess piż li għandu jintrefa' mis-soċjetà intimata, li ġie stabbilit li kellha diversi nuqqasijiet fl-operat tagħha partikolarment fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Il-Qorti tirrileva li l-pożizzjoni tal-impjegat meta kien jiġi biex jinnegozja ma' min jimpjegah, kienet aktar dgħajfa minn dik tal-prinċipal tiegħu, u f'dan il-każ is-soċjetà intimata naqset ferm meta tefgħet l-piż tar-responsabbilità għas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fuq l-operaturi tal-magni. Fl-ewwel lok, is-soċjetà intimata kellha tassigura li l-magni li tipprovdi lill-ħaddiema tagħha sabiex jaħdmu bihom, ikunu mgħammra bl-aqwa *safety features* li jeżistu, u jkunu konformi mad-direttivi u l-liġijiet kollha fis-seħħ. Ma jistax ikun li wara inċident bħal dan, id-diriġenti tas-soċjetà intimata ħassewhom ġustifikati li ma jaġġustawx il-livell ta' riskju fil-fabbrika tagħhom, bħal ma naqsu milli jagħmlu *risk analysis* ġdid sabiex jaraw inċidenti simili fil-futur kif jistgħu jiġu evitati. Dawn huma kollha nuqqasijiet li jikkontribwixxu għal inċidenti bħal dak mertu ta' dawn il-proċeduri, bil-konsegwenzi kollha li jkollha tiffaċċja l-parti mġarrba għall-kumplament ta' ħajjitha.

29. Il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza tagħha fl-ismijiet **Philip Vassallo *vs*. Malta Freeport Terminals**, mogħtija fl-21 ta' Marzu, 2016, fejn ġie stabbilit illi:

*Skont l-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili,* "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa **li biha jikser xi dmir impost mil-liġi,** hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

*Ir-regola ġenerali in tema extra-kuntrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li* "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu." (Artikolu 1031). "Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza"(Artikolu 1032).

*Anki fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-bonus paterfamilias. Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali.*

*Illi l-ġurisprudenza Ingliża ukoll tagħraf li fil-każ ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, huma applikabbli kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-liġi delittwali, billi dawn jirkbu fuq xulxin u fil-fatt illum il-ġurnata jista' jitqies li fil-kuntratt ta' impjieg hemm patt impliċitu li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol sikur għall-ħaddiem:*

'The relationship itself of employer and employee is necessarily based upon contract but it has been the subject of some controversy in the past whether the common law duties regarding the employee's safety, are contractual duties or lie in tort. Because of the closeness of the relationship between employer and employee, as well as its very nature, there really can be no doubt today that a duty of care does arise under the general law of tort, as expressed in **Donoghue vs Stevenson (**1932 A.C. 562). In **Davie vs New Merton Board Mills Ltd.,** (1959, A.C. 604) Viscount Simonds considered that, although liability primarily was to be regarded as having arisen in tort, it could also be based on implied terms contained in the contract of employment.' – **Charlesworth & Percy on Negligence** (Ninth Edition, 1997).'

*Illi fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-1 ta' Mejju, 2001 daħal fis-seħħ l-Att XXVII tas-sena 2000 (illum Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li bena fuq il-liġijiet u regolamenti li diġà kien hemm qabel. Bis-saħħa ta' dan l-Att, ġie ippubblikat fost ħafna regolamenti oħrajn, l-Avviż Legali 36 tal-2003 imsejjaħ 'Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol', li huwa korp ta' regolamenti ta' importanza kbira fil-qasam tax-xogħol.*

*Illi l-Att imsemmi jikkodifika prinċipji u dmirijiet ġenerali li għandhom jirregolaw dan il-qasam u biex jenfasizza l-importanza tiegħu jistqarr li,* 'Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.' (Artikolu 4(1)).

*Illi l-Artikolu 4(2) jelenka dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li fuqhom għandhom jiġu imfasslin il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol:*

*(a) Li jiġi evitat riskju;*

*(b) L-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*(c) L-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

***(d) Il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;***

***(e) Li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż bdak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;***

***(f) Billi tingħata priorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;***

*(g) Li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(h) Billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

(i) *Billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."*

30. Applikati l-prinċipji li joħorġu mill-artikolu 4(2) tal-Kap. 424 għall-każ odjern, evidentement is-soċjetà intimata naqset milli tosserva diversi minn dawn ir-rekwiżiti, partikolarment fejn jidħol l-obbligu tagħha li tikkontrolla r-riskji li ma jistgħux jiġu evitati, kif ukoll li tieħu l-miżuri neċessarji biex jitnaqqas ir-riskju fuq il-post tax-xogħol. Il-Qorti iżda sejra ssegwi l-konklużjonijiet li wasal għalihom l-Inġinier Scerri, u sejra tapporzjona l-grad ta' responsabbilità għall-inċident in kwistjoni bejn is-soċjetà intimata u r-rikorrent, fil-proporzjon ta' 85%-15%.

## Likwidazzjoni tad-Danni

*Damnum Emergens:*

31. Hekk stabbilita l-kwistjoni dwar ir-responsabbilità għall-inċident, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lir-rikorrent mis-soċjetà intimata. Fir-rigward tad-danni materjali sofferti minnu, ir-rikorrent ippreżenta diversi rċevuti bħala prova tal-ħlasijiet li huwa kellu jagħmel għal servizzi, tobba u xiri ta' mediċina in segwitu għall-inċident. Mill-provi prodotti jirriżulta li d-danni materjali li ħallas għalihom ir-rikorrent, jammontaw għal €870.46, għalkemm ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu qal li minn kalkolu tiegħu d-danni materjali jammontaw għal **€803.90**. Il-Qorti għalhekk sejra tadotta ċ-ċifra kkwotata mir-rikorrent stess u sejra tillikwida l-ammont ta' danni materjali li għandhom jitħallsu lilu fl-ammont pretiż minnu f'din is-somma.

*Lucrum Cessans:*

32. Għal dak li jirrigwarda t-telf ta' qligħ soffert mir-rikorrent kawża tad-debilità permanenti sofferta minnu, il-Qorti trid tieħu konsiderazzjoni ta' diversi fatturi. L-artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula kif għandhom jitqiesu danni ta' din ix-xorta:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

33. F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**, ingħad illi:

> *"Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia lucrum cessans, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."*

34. Fis-sistema legali tagħna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-27 ta' April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**, ġie stabbilit illi:

> *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, pero', il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."*

35. Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali li kien mistenni jirċievi l-attur mis-soċjetà intimata, is-salarju tiegħu għas-sena 2014 għaliex l-inċident in kwistjoni seħħ relattivament kmieni fis-sena 2015, u għalhekk l-FS3 tiegħu għal dik is-sena, li matulha r-rikorrent għamel żmien rikoverat, ma tirriflettix id-dħul attwali tiegħu f'sena ta' xogħol mingħajr interruzzjonijiet. Fl-2014 id-dħul gross tar-rikorrent kien fl-ammont ta' €14,340, li minnhom kien hemm ħlas ta' €1,239 f'taxxi u €1,028.65 f'kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. Dan ifisser dħul nett ta' €12,072.35. Din il-paga trid tiġi aġġustata abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-

perijodu kollu tal-*multiplier*[31] li ser tistabbilixxi din il-Qorti, abbażi tar-rata tal-inflazzjoni stabbilita bħala l-medja fuq perijodu ta' ħames snin. Il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' 24, tenut kont li meta seħħ l-inċident ir-rikorrent kellu l-età ta' 39 sena, u għalhekk kellu tal-anqas 26 sena oħra ta' xogħol quddiemu. Dan ifisser li fuq medda ta' 24 sena[32], il-paga tal-attur kienet ser tiżdied għal madwar €15,491,23. Li kieku wieħed kellu jieħu l-medja ta' dan, €12,072.35 + €15,491,23 / 2 , il-paga medja li kien mistenni li jirċievi l-attur għas-snin li ġejjin tkun ta' **€13,781.79.** Dan l-ammont irid jiġi aġġustat ukoll skont ir-rata tal-inflazzjoni[33], li bħala medja fil-ħames snin ta' wara l-inċident kienet ta' 1.18% fis-sena (1.1% fl-2015; 0.64% fl-2016; 1.37% fl-2017; 1.16% fl-2018 u 1.64% fl-2019), sabiex b'hekk is-salarju medju tal-attur kien mistenni li jiżdied għal **€17,684.79** matul il-ħajja lavorattiva tiegħu**.**

36. Kwantu għall-grad ta' debilità permanenti sofferta mir-rikorrent konsegwenza tal-inċident, il-Qorti sejra tibbaża ruħha fuq il-konklużjonijiet raġġunti mill-esperti mediċi ġudizzjarji, li eżaminaw lir-rikorrent fl-aħħar xhur u li kkonstataw li dan qiegħed isofri minn debilità permanenti fil-grad ta' 10% bħala debilità fiżika, u ta' 20% bħala debilità psikoloġika. Il-Qorti hawnhekk tqis

---

[31] Fid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Emanuel Zahra** *vs.* **Patrick Vassallo,** mogħtija nhar il-15 ta' Ottubru, 2003, il-Qorti qalet hekk dwar il-kunċett tal-'multiplier':*Fil-kalkolu tal-multiplier wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni mhux il-life expectancy tad-decujus, iżda l-ħajja lavorattiva tiegħu, in-natura u s-saħħa tiegħu, li tista' tvarja minn bniedem għal bniedem minħabba dawk iċ-ċirkostanzi li jissejħu the 'chances and changes of life'. Wieħed irid jeżamina l-earning capacity tal-individwu, rigward tal-mard kif kontro-bilanċjat mill-istat ta' saħħa tad-diżgrazzjat. Illi għalhekk il-multiplier m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat, iżda fuq l-aspettattiva lavorattiva tiegħu u għandu jieħu in kunsiderazzjoni tac-chances and changes of life.*

[32] Il-multiplier li ġie ffissat mill-Qorti tenut kont li persuna fl-età ta' 39 sena, l-età li kellu l-attur fis-sena li fiha seħħ l-inċident, għad trid taħdem madwar sitta u għoxrin (26)-il sena oħra sabiex tilħaq l-età tal-irtirar, u anki hawn, huma diversi l-persuni li sakemm saħħithom tippermettilhom, jibqgħu jaħdmu anki wara l-età tal-irtirar. Minkejja li l-*multiplier* huwa fattur imħolli fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, il-Qorti tħoss li trid tagħmel ġustizzja mal-fatti kif jirriżultaw mill-ħajja li qegħdin ngħixu fis-soċjetà illum meta tikkunsidra l-ammont ta' snin lavorattivi li persuna jkollha quddiemha.

[33] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **Joseph Galea** *vs.* **Charles Fenech pro et noe**, il-Qorti stabbiliet illi, "*Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier.*"

li jkun utili li tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet **Brian Micallef *vs.* Brian Tyre Services et**[34], fejn ingħad illi:

> *"Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala weighted average, fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-weighted average, għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (**Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et, App. 20.02.2009)**."*

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Frendo *vs.* Cachia**[35], il-Qorti stabbiliet illi:

> *"Dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-attur danneġġjat."*

Skont il-formula matematika ġeneralment aċċettata għall-komputazzjoni tal-*weighted average*, din twassal għal rata ta' diżabilità ta' 28%.[36]

37. L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas b'20% għaliex il-ħlas ser isir f'darba. F'diversi kawżi li ħadu għadd ta' snin biex jinqatgħu, il-Qorti ħasset li għandu jkun hemm tnaqqis ta' 2% għal kull sena ta' dewmien sakemm il-kawża kellha eżitu finali, iżda fiċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti tqis li m'għandux ikun hemm tnaqqis minħabba d-dewmien fil-komputazzjoni finali, u għaliex l-inċident seħħ fis-sena 2015, u dawn il-proċeduri inbdew madwar sentejn wara. It-tul li ħadu dawn il-proċeduri ma jistax jiġi attribwit lil xi nuqqas ta' parti jew oħra, tenut kont li dawn il-Qrati għamlu żmien weqfin minħabba l-prekawzjonijiet li

---

[34] 31.01.2014.
[35] 20.04.2009, P.A.
[36] Ara Regolament 3 tad-Draft Regulations for Assessment of Damages for Death or Incapacity – "Assessment Regulations" tal-2010 maħruġa mill-Ministeru Responsabbli għall-Ġustizzja, fejn il-formula li qiegħda titħaddem hija:

$$\frac{(100 - M) \times m}{100} + M$$

'M' tirrappreżenta l-ogħla rata ta' diżabilità;
'm' tirrappreżenta l-aktar rata baxxa ta' diżabilità.

kellhom jittieħdu minħabba l-pandemija tal-Covid-19, u għalhekk fil-każ odjern il-Qorti m'hija ser tagħmel l-ebda tnaqqis għal dewmien.

38. Għaldaqstant, ikkunsidrata l-medja tal-paga tar-rikorrent aġġustata skont l-inflazzjoni u ż-żidiet annwali fil-paga (€17,684.79), multiplikata b'*multiplier* ta' 24, u meta wieħed jikkonsidra l-grad ta' diżabilità fil-perċentwali ta' 28%, jagħti l-ammont ta' €118,841.78. Bit-tnaqqis ta' 20% ta' dan l-ammont minħabba li l-ħlas ser isir f'pagament ta' darba, iwassal għal kumpens ta' €95,073.43, li minnu s-soċjetà intimata qiegħda ġġorr responsabbilità ta' 85%, li jwassal għal ċifra ta' €80,812.42. Dan l-ammont, flimkien mad-danni materjali, li skont ir-rikorrent jammontaw għal €803.90, jagħti total ta' **€81,616.32.**

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' limitatament l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata, u tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tagħha;**

2. **Tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, u tiddikjara li s-soċjetà intimata hija parzjalment responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, fejn il-grad ta' responsabbilità li għandha ġġorr is-soċjetà intimata huwa ta' 85%;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fis-somma ta' wieħed u tmenin elf, sitt mija u sittax-il Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€81,616.32);**

4. **Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent l-ammont ta' danni hekk kif likwidat, bl-ispejjeż kollha tal-kawża.**

**Bl-imgħaxijiet legali kontra s-soċjetà intimata sad-data tal-ħlas effettiv.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**